MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2004

Numru 77/2001

Il-Pulizija
(Sp David Saliba u
Sp Michael Mallia)
vs
Kevin Falzon, iben John Mary,
imwieled Pieta' fit-23 ta' mejju,
1979

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fil-Mosta, fil-lejl ta' bejn il-25 u is-26 ta' ġunju, 2000 flimkien ma persuni oħra mhux magħrufa kkometta serq ta' stereo minn karozza tal-għamla Skoda, bin-numru tar-reġistrazzjoni EBA 495, tal-għamla Kenwood u apparat ieħor tal-Hi-Fi fosthom equaliser, amplifier u speakers, kif ukoll mobile phone tal-għamla Mitsubishi, liema apparat jiswa aktar minn Lm100 iżda anqas minn Lm1,000 għad-

dannu ta' Desmond Hole, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi kkaġuna ħsara jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, fil-karozza hawn fuq imsemmija liema ħsara tiskorri s-somma ta' Lm50 iżda anqas minn Lm500 għad-dannu ta' Desmond Hole;
3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi, f'Malta, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, liema oġġetti ġew meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;
4. talli hu reċidiv b'diversi sentenżi, liema senteżi huma definittivi u ma jistgħux jitħassru, kif ukoll talli kiser il-provvedimenti tal-artikolu 28A u cioe' kkometta reat waqt il-perjodu tas-sentenza sospiża.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta' marzu, 2004 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Rat illi l-imputat ġie kkundannat u qed jiskonta piena ta' ħabs għal dak li jirrigwarda
s-sentenza sospiża.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tielet akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha ħlief għal dak li ntqal hawn fuq. Rat l-artikoli 261(b)(ċ)(f)(g), 263(a), 267, 270, 271(g), 278(1)(2)(3) u 325(b) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' disa' xhur priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------